MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 169/2012/1

**Appell numru 169/2012AE fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv 169/2012 fl-ismijiet Grace Ragan**
**Vs**
**Emanuel Mizzi**

L-Erbgha, 21 ta' Novembru 2012.

Permezz ta' rikors prezentat fis-27 ta' Awwissu 2012 Emanuel Mizzi appella mid-decizjoni li nghatat mill-ewwel Qorti fl-24 ta' Awwissu 2012 li biha l-Qorti cahdet talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 169/2012 fl-ismijiet **Grace Ragan vs Emanuel Mizzi**. Talba li Mizzi ghamel permezz ta' rikors prezentat fis-6 ta' Awwissu 2012 *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota prezentata minn Grace Ragan fis-17 ta' Ottubru 2012 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv, iddikjarat li qeghdha tirrinunzja ghalih ghaliex is-sentenza **Ragan vs Mizzi** (114/08) deciza fit-3 ta' Frar 2012, u li a bazi tieghu nhareg is-sekwestru, kienet inghatat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) u li ghalhekk ma kellux jigi pprezentat fil-qrati inferjuri. Fis-sentenza jinghad li l-ispejjez taz-zewg istanzi huma a karigu ta' Mizzi.

Fis-seduta tal-lum id-difensur tar-appellant iddikjara li wara n-nota prezentata fis-17 ta’ Ottubru 2012, l-appellant kien qieghed jirtira l-appell fil-meritu izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez.
Jirrizulta li l-mandat ta’ sekwestru gie pprezentat fit-12 ta’ Lulju 2012 u akkordat fid-19 ta’ Lulju 2012.
Sfortuntament dan hu kaz li nqala’ bla bzonn. Jirrizulta li :-
i. Fis-17 ta’ Ottubru 2011 Mizzi kien iddepozita fir-Registru s-sommma ta’ €530.47 biex ikopru l-ispejjez tal-appell (registru €116.47 u €414 dritt tad-difensur). Depozitu li sar skont il-ligi qabel instema’ l-appell fil-kawza 114/2008.
ii. Permezz ta’ ittra datata 20 ta’ April 2012 Mizzi baghat, lid-difensur ta’ Ragan, cekk ghal €1,141.48, cioe’ l-bilanc li kien qieghed isostni li kien ghadu dovut lil Ragan. Cekk li ma giex accettat.
iii. Fit-2 ta’ Mejju 2012 ipprezenta cedola ta’ depozitu (86/2012) li permezz taghha ddepozita s-somma ta’ €1,141.48 li jkopru parti mill-ispejjez gudizzjarji tal-kawza fuq imsemmija. Minn din ic-cifra tnaqqset is-somma ta’ €55.90 spejjez relatati mad-depozitu.
Jirrizulta li l-ispejjez dovuti lil Ragan kienu ta’ €945.73 fir-rigward tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, u €496.19 ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, b’kollox **€1,441.92**. Pero’ dan il-kalkolu ma jinkludix fih it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. It-total tal-ispejjez, wara li tinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, hu ta’ €1,558.49. Jidher li l-kwistjoni kienet inqalghet dwar is-somma ta’ €414, li tirreferi ghad-dritt tad-difensur. Filwaqt li Mizzi jippretendi li dawn kellhom jingabru mill-Qorti, Ragan ma kinitx tal-istess fehema.
Hu veru li Ragan ghandha titolu ezekuttiv favur taghha, cioe’ is-sentenza li kkundannat lil Mizzi jhallas l-ispejjez tal-kawza. Madankollu hu minnu wkoll li Ragan agixxiet b’mod kappricjuz meta rrifjutat il-hlas ta’ €1,141.48 u naqset milli tirtira l-bilanc li kienu depozitati fil-Qorti bhala garanzija ghaliha. Il-garanzija tithallas fl-interess tal-appellat u ta’ hadd iktar. Il-legislatur stess ha hsieb jissalvagwardja l-interess tal-appellat billi fl-Artikolu 249(3) tal-Kap. 12 ipprovda li d-depozitu *‘m’ghandux jissodisfa t-talbiet tal-kredituri ta’ dik il-parti li tkun ghamlet dak id-depozitu sakemm dan jibqa’ hekk depozitat sabiex bih*

*jithallsu l-ispejjez tal-kawza.’*. Id-depozitu tal-ispejjez isir sabiex jittiehed mill-appellat u ghall-ebda raguni ohra. F’dan il-kaz ma kien hemm l-ebda ekwivoku li l-flus depozitati ghal finijiet tal-Artikolu 249 tal-Kap. 12 setghu facilment jigu rtirati minnha billi tipprezenta lir-Registratur kopja tas-sentenza tat-3 ta’ Frar 2012 li nghatat fil-kawza 114/2008. Id-depozitu jsir fl-interess tal-appellat u mhux ta’ l-avukat li jkun qieghed jiddefendi lill-appellat. Ir-relazzjoni tal-avukat hi mal-klijent tieghu u mhux mal-parti l-ohra fil-kawza. Fil-fehma tal-Qorti Ragan ma agixxietx sew meta fit-12 ta’ Lulju 2012 talbet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru biex tithallas ghall-ispejjez. Dan it-tip ta’ atteggjament m’ghandux jigi ttollerat minn ebda Qorti. Ghalkemm waqt is-smiegh tal-appell id-difensur tal-appellata ssottometta li l-hlas ma giex accettat minhabba li jkun irid li jigbor ukoll it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, mill-kalkoli li ghamlet il-Qorti hu evidenti li din it-taxxa kienet inkluza fic-cekk (Bank of Valletta plc numru 125 datat 20 ta’ April 2012) li ntbaghat minn Mizzi permezz tal-ittra tal-20 ta’ April 2012.

Hu minnu li minflok iddepozita l-flus fir-Registru bic-cedola 86/2012, Mizzi seta’ baghat il-hlas tas-somma ntjiera (€1,558.49) lil Ragan u hu stess irtira d-depozitu mill-Qorti wara li juri r-ricevuta ta’ hlas lir-Registratur. Pero’ l-Qorti hi tal-fehma li Ragan ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta’ dan l-appell meqjus li kien ir-rifjut li tirtira d-depozitu mill-Qorti u taccetta l-hlas ta’ €1,141.48 li ta lok ghal kwistjoni inutli.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi :-**

**1. Tiddikjara li fir-rigward tal-meritu tal-appell m’hemmx htiega li tinghata decizjoni gialadarba Grace Ragan ipprezentat nota li permezz taghha ddikjarat li kienet qeghda tirtira l-mandat ta’ sekwestru numru 169/2012 u in vista tad-dikjarazzjoni li ghamel id-difensur tal-appellant waqt is-seduta tal-lum.**

**2. Tikkundanna lil Ragan taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji ta’ dan l-appell.**

**3. Ghal kull buon fini l-Qorti qeghda tawtorizza l-hrug ta’ kontromandat li ghandu jigi notifikat lis-sekwestratarji. L-ispejjez tal-kontromandat ghandha taghmel tajjeb ghalihom Grace Ragan <u>mehud ukoll in</u>**

**konsiderazzjoni li kienet hi li pprezentat nota li biha rtirat il-mandat minhabba li pprezentatu quddiem Qorti li ma kelliex kompetenza fil-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------